**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/15(23_09_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Settembru 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Professional Development Award in Improving Public Management and Governance at Local Level'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Green Public Procurement (GPP)'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LGBTI+ Gozo fejn ingħatat informazzjoni dwar din l-organizzazzjoni u dwar is-s*eminar* organizzat minnhom bit-tema 'Better Together', fid-19 ta' Settembru 2015.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Nazareth taż-Żejtun fejn ġiet introdotta din il-fondazzjoni u dwar il-Maratona ġbir ta' fondi b'risq din il-fondazzjoni, fl-20 ta' Settembru 2015, bit-tema 'Bis-Saħħa ta' Kulħadd'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal avviż maħruġ mid-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi, Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza EU 2017 u għall-Fondi Ewropej, Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali dwar l-ewwel sejħa għal *modular projects* taħt il-Programm *Interreg Mediterranean* 2014-2020.

2.06 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 41/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Project Conference CENSE', li ser jiffoka fuq 'EU Zero Emissions', fis-6 ta' Ottubru 2015.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Konferenza Proġett Local-Sats', li ser tiffoka fuq l-applikazzjoni ta' 'Geographic Information System' fuq bażi lokali, fit-30 ta' Settembru 2015, ġewwa l-Lukanda Grand Hotel, Imġarr, Għawdex.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand l-MNEP (Malta National Electromobility Platform) and EU Projects, Transport Malta rigward in-'National Bicycle Ride 2015', fil-21 ta' Settembru 2015 bi tluq u wasla mill-parkeġġ tal-Ministeru tal-Infrastruttura u Trasport, Belt is-Sebħ.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'European Mobility Week (EMW) – Competitions'. Il-Gvern qed ivara numru ta' inizjattivi u attivitajiet bħala parti mill-EMW li ser ikunu inkorporati fid-'Do The Right Mix' *Campaign*. Il-*grants* offruti mill-Kumitat Organizzattiv ser ikunu riservati għad-'Do The Right Mix' *Campaign* li jsiru fix-xahar ta' Ottubru 2015.

2.10 Il-Kunsill irċieva avviż maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'World Mental Health Day', fl-10 ta' Ottubru 2015. L-Employee Support Programme ser jorganizza ġimgħa ta' attivitajiet (Mental Health Awareness Week) għall-*public employees* sabiex jitqajjem *awareness* fuq is-saħħa mentali, bejn il-5 u d-9 ta' Ottubru 2015, f'Dar l-Ewropa, Valletta.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Taqsima Festi Rurali, Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima rigward 'World Animal Day', fl-4 ta' Ottubru 2015, fejn ser tiġi organizzata attività dakinhar fl-Għammieri.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 16 ta' Settembru 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva mingħand is-CEO Primary Health Care rigward it-tilqima staġjonali tal-influwenza fejn qed jitlob in-numru ta' tilqimi li għandu bżonn il-Kunsill. Din it-tilqima tiġi offruta b'xejn lill-persuni ta' età 55 u aktar. Il-Kunsill irid jibgħat il-lista sa mhux aktar tard mis-16 t'Ottubru 2015. Il-Kunsill ser joħroġ *flyer* sabiex ir-residenti japplikaw.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Perit Ivana Farrugia dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija. Hija qiegħda tgħid li l-kuluri taż-żebgħa ma humiex dawk li xtaqet hi. Għaldaqstant, din l-*e-mail* ser tiġi rreferuta lill-persuni inkarigati mir-restawr.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenta fi Triq ir-Rumani fejn qed tilmenta dwar siġra li kibret ħafna fi ġnien ittraskurat fil-privat u qed toħloq problema. Din is-siġra għandha diversi friegħi li bdew jinxfu waqt li oħrajn daħlu fil-*wires* tad-dawl u *cables*. Peress li ħarġet għat-triq, xi vetturi jaħbtu magħha u saritilha xi ħsara. Hija talbet lill-Kunsill sabiex ikellem lis-sid u tissolva din is-sitwazzjoni minħabba li qiegħda ssir perikoluża.
Din ser tiġi rreferuta lill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand inġinier fejn qed jilmenta li s-sitwazzjoni tad-dawl fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ma hijiex skont ir-rekwiżiti bażiċi. Huwa qed jissuġġerixxi li jsir *reflector* fuq arblu qrib it-*toilets* u jsir bit-*timer*. Is-sistema tad-dawl ġiet iddisinjata minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd u għalkemm il-ġnien ilu miftuħ għall-pubbliku ħames snin, il-Kunsill qatt ma rċieva xi lmenti f'dan ir-rigward. Għalissa l-Kunsill ma jħossx li din il-materja hija prijorità.

3.05 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida quddiem *block flats* ġdid fi Triq iż-Żirżieb. Din it-talba ser tiġi rreferuta lit-Taqsima tas-CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 08/15(23_09_15).

**5.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

5.01 Il-Kunsill qed jippjana sabiex jibda jorganizza attività kulturali annwali li tiġi ffinanzjata minn din l-iskema. Il-Kunsill irid jaħdem ukoll fuq l-attivitajiet li ser isiru f'Diċembru 2015, speċjalment dwar Il-Munxar Day 2015. Għaldaqstant, ġie deċiż li ssir laqgħa fit-13 t'Ottubru 2015 sabiex tiġi diskussa din il-materja biss.

## 6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.

6.01

- Tpoġġew il-*planters* fi Triq il-Kantra u twaħħlu l-bankijiet.
- Inbdiet il-bankina ta' Triq ir-Rumani mill-ħaddiema tas-CMU.
- Ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija tlesta u bdiet il-bankina ta' madwar il-pedistall.
- Fil-Munxar twaħħlu tabelli, *corner mirror* u twaħħlet *road hump* fi Triq Ras il-Bajjada.
- Twaħħal l-isem ta' Triq il-Biżantini.
- Sar tindif f'diversi toroq tal-Munxar wara x-xita li għamlet fid-9 ta' Settembru 2015.
- Ix-xogħol ta' Triq Żgħawri huwa lest. Issa baqa' li jsiru l-kontijiet biex inkunu f'pożizzjoni li ssir il-*claim* fil-ħin lill-*Paying Office*, peress li ż-żmien huwa qasir wisq.
- Ix-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja għadu għaddej.

## 7.00 Rapport tas-Sindku.

7.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-lezzjonijiet tal-iskola tal-għawm tlestew u kien hemm konkorrenza ta' 13-il tifel u tifla. Meta saret l-aħħar lezzjoni, tqassmu ċertifikati tal-attendenza lill-parteċipanti.

Sar ħafna tindif fix-Xlendi wara l-maltempata tad-9 ta' Settembru 2015.

L-attività Oktoberfest in Ix-Xlendi saret minn individwu privat u kienet suċċess.

Is-Sindku ssuġġeriet li jsiru erba' *bollards* madwar il-pedistall tal-istatwa ta' Sant'Indrija.

Il-fjakkolati li kellhom isiru matul is-sajf saru kollha.

## 8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.01 Il-fond tal-UIF għax-Xlendi jammonta għal €50,679.42 u għall-Munxar €7,011.07. Mill-fond tax-Xlendi trid titnaqqas is-somma ta' €32,009 li tkopri l-għamara ta' barra li tpoġġiet fix-Xlendi u l-bilanċ ser imur għall-kisi tal-passaġġ tax-Xlendi. Il-fond tal-Munxar ser jintuża għall-Pjazza tal-Knisja.

## 9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

9.01 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar iż-żibel li qed jiġi mormi viċin il-*Bring-In-Site* tal-Munxar. Il-Kunsill qed jikkonsidra li jissorvelja l-*area* permezz ta' CCTV jew *Green Wardens*.

9.02 Is-Sinjorina Sonja Abela ssuġġeriet sabiex il-Kunsill jipparteċipa fin-National Car Wash Day for Solidarity u l-fondi ser jingħataw lil SOS Malta biex jiġi ssapportjat kamp ta' refuġjati fis-Serbja. Din għandha ssir flimkien mal-Parroċċa u l-għaqdiet tal-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

9.03 Is-Sur Paul Curmi appella sabiex tinstab soluzzjoni dwar in-nuqqas ta' qbil dwar meta għandhom isiru l-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Is-Sindku infurmatu li l-laqgħa tal-Kunsill tissejjaħ mis-Sindku wara li jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jattendi u bl-istess mod il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tissejjaħ miċ-*Chairperson* wara li jkun żgurat li l-membri kollha jkunu jistgħu jattendu. Is-Sindku semmiet każ partikulari fejn hija ma setgħetx tattendi għal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv peress li kienet għadha kemm kellha intervent kirurġiku u talbet liċ-*Chairperson* jekk jistax ibiddel id-data tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv sabiex tkun tista' tattendi, iżda huwa rrifjuta u l-laqgħa saret xorta mingħajr ma kienet preżenti fil-laqgħa.

Is-Sur Paul Curmi talab lill-Kunsill sabiex jibni ċint fuq iċ-ċangatura tal-pavimentar ġdid li kien sar xi snin ilu peress li l-passaġġ huwa perikoluż. Huwa ġie infurmat li din il-proposta ser tiġi rreferuta lill-perit biex jindaga jekk hemmx bżonn permess mingħand il-MEPA u jsiru l-istimi neċessarji biex tkun tista' tidħol fil-programm ta' xogħlijiet.

Is-Sur Curmi fakkar dwar il-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ras il-Bajjada u ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kenniesa tax-Xlendi ma humiex jagħlqu l-*bins* sewwa.

9.04 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li d-dawl tal-passaġġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina ma jixgħelx. Staqsa wkoll fiex wasal il-proċess dwar it-tindif tal-*boatyard*.
Is-Sindku infurmatu li d-dawl ser jitranġa mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex matul ix-xhur tax-xitwa. Il-proċess għat-tindif tal-*boatyard* għadu għaddej u qed isir sforz biex jinstab post fejn ser jitpoġġew l-opri tal-baħar.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 27 t'Ottubru 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***